MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 98/2004

**Michael u Lucienne konjugi Delia**

**vs**

**Alfred u Maria Lourdes konjugi Farrugia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datata s-6 ta' Frar, 2004, li permezz taghha l-atturi sintetikament ippremettew is-segwenti:

1.1. Illi l-konvenuti kienu qablu li jbieghu ghalqa lill-atturi ghall-prezz ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00);

1.2. Illi l-partijiet involuti fuq indikati attendew ghall-pubblikazjzoni tal-kuntratt relattiv fl-14 t'Ottubru, 1998;

1.3. Illi l-atturi ma jafux jiktbu u jaqraw;

1.4. Illi minflok l-att ta’ bejgh il-partijiet iffirmaw zewg (2) atti:

1.4.1. Wiehed kostituzzjoni ta’ debitu ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00), (ara fol 7);

1.4.2. L-iehor skrittura privata, (ara fol 6);

1.5. Illi permezz ta’ l’ fuq indikata kostituzzjoni ta’ debitu datat l-14 t’Ottubru, 1998, in atti tan-Nutar Dottor Nathalie Pace Axiaq, l-atturi ikkostitwew ruhhom debituri favur il-konvenuti ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00);

1.6. Illi permezz tal-iskrittura privata li wkoll iggib l-istess data tal-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fuq indikata l-konvenut Alfred Farrugia ddikjara li jippossjedi l-art in dizamina b’titolu ta’ qbiela minghand l-Ufficju Kongunt ghas-somma ta’ sitt Liri Maltin, (LM6.00), fis-sena u obbliga ruhu li jghaddi t-titolu tieghu tal-ghalqa lill-atturi;

1.7. Illi l-kostituzzjoni ta’ debitu *de quo* saret unikament ghall-bejgh ta’ ghalqa tal-konvenuti favur l-atturi;

1.8. Illi l-atturi hallsu dsatax –il elf u mitejn Lira Maltin, (LM19,200.00), f’erba’ pagamenti lill-konvenuti ghall-istess ghalqa;

1.9. Illi l-atturi gew mitluba biex jirrifondu l-flus de quo, izda inutilment;

1.10. Illi l-atturi skoprew li qatt ma setghu jixtru l-ghalqa in dizamina peress li l-konvenuti qatt ma setghu jbieghuha lilhom perss li hi proprjeta` tal-Ufficcju Kongunt;

1.11. Illi l-kunsens tal-atturi fuq din il-kostituzzjoni ta’ debitu kien karpit b’qerq j/jew zball ta’ fatt;

1.12. Illi l-oggett tal-kuntratt *de quo* hu projbit mil-ligi;

1.13. Illi ghalhekk l-atturi aderew din il-qorti biex ikollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'gahndhiex:

1.13.1. Tiddikjara li l-kunsens ta' l-atturi fuq il-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nathalie Pace Axiaq datat l-14 t'Ottubru, 1998, gie vvizzjat b'qerq fil-konfront taghhom da parti tal-konvenuti, u/jew kien hemm zball ta' fatt li minn natura tieghu jinvalida l-istess kunsens taghhom;

1.13.2. Tiddikjara li l-oggett tal-kuntratt kien ipprojbit mill-ligi, li minn natura tieghu jinvalida l-istess kuntratt;

1.13.3. Tirrexxindi l-kostituzzjoni ta' debitu *de quo*;

1.13.4. Tikkundanna lill-konvenuti Alfred u Maria Lourdes konjugi Farrugia jirrifondu lill-atturi s-somma minnhom imhallsa fl-istess kostituzzjoni ta' debitu fuq riferit;

1.13.5. Tikkundanna lill-istess konvenuti jirrifondu lill-atturi l-ispejjez notarili u tal-boll, flimkien ma' kull spiza ohra incidentali ghall-istess kuntratt;

1.13.6. Bl-ispejjez u bl-interessi dovuti skont il-ligi kontra l-konvenuti;

2.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 t'April, 2004, li permezz taghha l-konvenuti eccepew sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament it-talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt a bazi ta' qerq u/jew aball hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 1222 u 1224 tal-Kodici Civili;

2.2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati;

2.3. Illi l-eccipjenti jichdu li kien hemm xi qerq fil-konfront tal-atturi jew li sar zball, jew li l-oggett tal-kuntratt kien projbit mil-ligi;

2.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.5. Bl-ispejjez kontra l-atturi;

3. Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Gunju, 2004, li permezz tieghu il-kawza kienet differita ghall-provi dwar l-eccezzjoni preliminari, (ara fol 18);

4. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenuti datat it-18 t'April, 2005, li permezz tieghu iddikjara li l-eccezzjoni preliminari tista' tigi trattata u deciza flimkien mal-mertu tal-kawza, (ara fol 26);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-29 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex tisma' l-provi kollha tal-kawza, (ara fol 58);

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-17 ta' Frar, 2012, fejn ghar-raguni hemm esposta l-Imhallef sedenti astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz, (ara fol 138);

7. Rat l-ordni t'assenjazzjoni datat it-23 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu il-kawza odjerna giet assenjata lill-Imhallef presentement sedenti, (ara fol 142);

8. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzathom jitrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ar afol 163);

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien max-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta, mill-assistent gudizzjarju fuq riferita, u fl-affidavitijiet prodotti;

10. Ezaminat ix-xhieda minnha mismugha;

11. Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi datati l-31 ta' Jannar, 2013, u t-8 ta' Mejju, 2013, (ara fol 166 u 180);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi tenut kont tal-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikli 1222 u 1224 tal-Kodici Civili, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1), aktar qabel u fol 15), hu ghaqli li l-ewwel tigi indirizzata din il-vertenza;

12.1.Illi l-artiklu 1222 tal-Kodici Civili sintetikament jistabbilixxi is-segwenti:

12.1.1. Illi meta mhux stabbilit zmien qasar, l-azzjoni ghar-rexissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat t'interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta`, taqa' bi preskrizzjoni ta' sentejn (2);

12.1.2. Illi l-istess perjodu japplika wkoll ghar-rexissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza;

12.2. Illi l-artiklu 1224 tal-Kodici Civili sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

12.2.1. F'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg (2) artikli qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bi preskrizzjoni eghluq hames (5) snin minn dak inhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd ghal din l-azzjoni, bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici (Civili);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti fir-rigward jikristallizzaw ruhhom fil-mod segwenti:

13.1. Illi l-kontendenti iffirmaw zewg (2) atti ufficcjali, wiehed ta' kostituzzjoni ta' debitu u iehor skrittura privata it-tnejn datati l-14 t'Ottubru, 1998;

13.2. Illi l-ewwel intimazzjoni ufficcjali fir-rigward tirrizulta li hi biss ic-citazzjoni promotrici odjerna li hi datata s-6 ta' Frar, 2004;

13.3. Illi kif ritenut fil-kaz **Desira vs Micallef, Qorti ta' l-Appell, datata l-10 ta' Jannar, 1953, (Vol.XXXVII.I.544)**:

"L-intermizzjoni tal-preskrizzjoni tista' ssir jew bin-notifika ta' att gudizzjarju, jew bir-rikonoxximent tad-debitu, jew anki b'xi hlas akkont";

13.4. Illi fil-kaz odjern, l-ebda wiehed minn dawn it-tlett (3) mekkanizmi indikati fil-paragrafu precedenti ma sehhew – la fit-termini imposti mill-artikli tal-Kodici Civili fuq citati u riferiti, u lanqas wara;

13.5. Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku li l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artikli precitati;

**DECIDE:**

14.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenuti konjigi Farrugia ipprovaw l-eccezzjoni preliminari minnhom sollevata a bazi tal-artikli 1222 u 1224 tal-Kodici Civili u konsegwentement takkolji l-istess eccezzjoni preliminari taghhom u allura:

14.1. Tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-imsemmija artikli 1222 u 1224 tal-Kodici Civili;

14.2. Illi biex jigi evitat dilungar inutili, in vista tal-premess, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza odjerna stante li issa dan gie rez superfluwu;

14.3. Bl-ispejjez kontra l-atturi l-konjugi Delia.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------